**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 6 ta' Gunju 2002**

**Numru 28**

**Avviz numru 759/02**

**Media Link Communications Co. Ltd**

**vs**

**Body Pride Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm500.00 (hames mitt lira maltin) rappresentanti bilanc fuq prezz ghal reklamar fuq il-mezzi tal-media tas-socjeta' attrici, ordnat mis-socjeta' konvenuta u mhux imhallas skond kif jidher mill-statement anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok A.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma prezentatx risposta.

Sema lil Dr Michael Zammit Maempel jikkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm500.00 (hames mitt lira Maltin) rapprezentanti bilanc dovut ghal servizz ta‘ reklamar.

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**